# “WWF” 50TH ANNIVERSARY

The Philatelic Bureau of MaltaPost p.l.c. will be issuing a philatelic commemorative set of 4 stamps presented in a miniature sheet. The set of stamps titled “WWF“50TH Anniversary will be issued on the 29th of April to commemorate the WWF’s 50th Anniversary.

The WWF is one of the largest environmental organizations in the world acting locally through a network of over 90 offices in over 40 countries. On 29 April 2011, the WWF Global Network celebrates WWF’s 50th Anniversary. On that date in 1961, the Morges Manifesto was signed calling for an international conservation organisation to mobilise massive resources around the world to fund global conservation priorities.

The miniature sheet depicts a fish found in the Maltese Islands which according to the IUCN (International Union for Conservation of Nature)Red List of Threatened Species™, has “Near Threatened Status” and will probably soon qualify as “Vulnerable” as the population continues to decrease. The fish is the *Chimaera monstrosa,* commonly known as Rabbit fish or *Fenek tal-Baħar* in the Maltese Islands.

An amount of 70,000 miniature sheets bearing four stamps, carry a face value of €0.51, €0.63, €0.67 and €0.97. The stamps feature four different images of the *Chimaera monstrosa.* The miniature sheet which was designed in-house by MaltaPost, measures 130mm x 85mm while the stamps measure 41.0mm x 30.5mm with a perforation of 13.9 x 14.0(comb). All stamps have been offset printed on Maltese Crosses watermarked paper by Printex Limited and are available in miniature sheets.

The miniature sheet **“WWF” 50TH Anniversary** will be available as from Friday 29th April from all Post Offices in Malta and Gozo and from the Mobile Post Office. For more information about this set and pre-orders of this issue can be done through the Philatelic Bureau (tel. no.: 2596 1740, email: philately@maltapost.com, postal address: 305, Triq Ħal-Qormi, Il-Marsa MTP 1001)

# Il-50 Anniversarju tal-WWF

Il-Bureau Filateliku tal-MaltaPost p.l.c. se joħroġ sett filateliku kommemorattiv ta' erba' bolli f' miniature sheet. Is-sett tal-bolli bit-titlu "WWF 50$^{th}$ Anniversary" se joħroġ fid-29 ta' April biex ifakkar il-50 Anniversarju tal-WWF.

Il-WWF hi waħda mill-akbar organizzazzjonijiet tal-ambjent fid-dinja u taħdem permezz ta' aktar minn 90 uffiċċju f'aktar minn 40 pajjiż. Fid-29 ta' April, il-WWF Global Network se jiċċelebra l-50 Anniversarju tal-WWF. Fl-istess data fl-1961 kien iffirmat il-Morges Manifesto li talab għal organizzazzjoni tal-konservazzjoni internazzjonali biex jiġbru riżorsi kbar madwar id-dinja għal finanzjament tal-konservazzjoni globali.

Il-miniature sheet turi ħuta li tinstab fil-Gżejjer Maltin li skont il-Lista l-Ħamra tal-Ispeċi Mhedda tal-IUCM (International Union for Conservation of Nature) għandha "Near Threatened Status" u dalwaqt se titqies bħala "Vulnerable" peress li l-popolazzjoni qed tkompli tonqos. Il-ħuta hi l-*Chimaera monstrosa,* magħrufa bħala Fenek tal-baħar fil-Gżejjer Maltin.

Ammont ta' 70,000 miniature sheets b'4 bolli, għandhom il-valur ta' €0.51, €0.63, €0.67 u €0.97. Il-bolli juru 4 ritratti differenti tal-*Chimaera monstrosa.* Il-miniature sheet li kienet disinjata mill-MaltaPost għandha daqs ta' 130mm x 85mm u l-bolli għandhom daqs ta' 41.0mm x 30.5mm b'perforazzjoni ta' 13.9 x 14.0 (comb). Il-bolli kollha kienu stampati offset fuq karta watermarked bis-Salib ta' Malta minn Printex Limited u jistgħu jinkisbu f'miniature sheet.

Il-miniature sheet "WWF 50th Anniversary" se tkun għal-bejgħ mill-Ġimgħa 29 ta' April mill-fergħat tal-MaltaPost f'Malta u Għawdex u mill-Mobile Post Office. Għal aktar informazzjoni fuq dan is-sett u ordnijiet minn qabel għas-sett jistgħu jsiru mill-Philatelic Bureau (tel: 2596 1740, email: philately@maltapost.com, indirizz: 305, Triq Ħal-Qormi, Marsa MTP 1001)